C/2024/1279

31.1.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-29 ta' Jannar 2024

li taħtar il-President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti

(C/2024/1279)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2018 [2], il-Kunsill ħatar lis-Sur Paul A.C.E. VAN DER KOOIJ bħala President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (l-"Uffiċċju").

(2) Il-mandat tas-Sur Paul A.C.E. VAN DER KOOIJ skada fit-18 ta' Frar 2023.

(3) Fid-19 ta' Lulju 2023, wara li ngħatat l-opinjoni tal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill lista ta' kandidati għall-post ta' President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Is-Sur Stefan MARTIN, huwa b'dan maħtur bħala President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti għal perjodu ta' ħames snin.

2. Il-mandat tas-Sur Stefan MARTIN għandu jiddekorri mid-data li fiha huwa jassumi d-doveri tiegħu. Dik id-data għandha tkun bi qbil bejn il-President u l-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju għandu jkollu s-setgħa li jipprovdi l-arranġamenti kollha neċessarji biex jiġi implimentat l-Artikolu 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LAHBIB

[1] ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2018 li taħtar il-President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (ĠU C 65, 21.2.2018, p. 4).